7 ta' Frar, 1958

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., A/President;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Arthur Stewart Mortimer, A. & C.E. ne.

*versus*

Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier ne.

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat — Kumpannija tal-Gas — "Mains" — Art. 2 tal-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909.**

*Biex ikun hemm lok għall-appell bi dritt lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat, jeħtieġu kumulativament ir-rekwiżiti tal-valur ta' mhux anqas minn £500 u tal-finalità tas-sentenza li minnha jkun irid isir l-appell.*

*Imma, jekk fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni li hemm appell fuqha hija waħda illi, minħabba l-importanza kbira tagħha, ġenerali jew publika, jew xort'oħra, jixraq li tiġi mressqa għad-deċiżjoni tal-Maestà Tagħha fil-Kunsill, ma hemmx bżonn li s-sentenza tkun finali.*

B'deċiżjoni tat-28 ta' Frar 1958 din il-Qorti ordnat is-soprasessjoni f'din il-kawża fuq id-domandi l-oħra sakemm tiġi deċiża l-ewwel domanda li dwarha ġie konċess il-permess għal dan l-appell. Dan l-appell ma tkompliex, u l-kawża dwar id-domandi l-oħra ġiet transatta u ċeduta quddiem din il-Qorti, fis-16 ta' Jannar 1959.

*Fil-każ preżenti, il-Qorti eżerċitat din id-diskrezzjoni tagħha favorevolment, billi akkordat lill-Gvern il-permess li jappella quddiem il-Privy Council mis-sentenza tagħha li kienet iddikjarat illi, meta skada t-terminu tal-konċessjoni enfitewtika magħmula mill-Gvern lill-Kumpannija tal-Gas, u saret id-devoluzzjoni tal-fond favur il-Gvern, din id-devoluzzjoni ma kienetx tikkomprendi l-"mains" tal-gas eżistenti fit-toroq ta' Malta għad-distribuzzjoni tal-gas.*

*Il-Qorti*:— Rat il-petizzjoni tal-konvenuti Onor. Dominic Mintoff u Edgar Cuschieri, fil-kwalitajiet rispettivi tagħhom fuq imsemmija, li talbu li dina l-Qorti tagħtihom il-permess li jappellaw mis-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fit-18 ta' Novembru 1957 lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, biex jottienu r-revoka tal-istess sentenza fil-meritu u fl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-inċiż(a) tat-tieni sezzjoni tal-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909, kif emendat bl-Order in-Council tal-5 ta' Novembru 1942, "an appeal shall lie, as of right, from any final judgment of the Court, where the matter in dispute on the appeal amounts to, or is of, the value of five hundred pounds sterling or upwards . . . ." Għaldaqstant, biex ikun hemm lok għad-dritt tal-appell, jeħtieġu kumulativament ir-rekwiżit tal-valur ta' mhux anqas minn £500 u r-rekwiżit tal-finalità tas-sentenza li minnha jkun irid isir l-appell. Fil-każ preżenti, jidher ċar li l-valur involut fil-kawża fuq l-ewwel talba tal-attur nomine, milqugħa minn dina l-Qorti bis-sentenza fuq imsemmija, huwa wisq akbar minn £500;

Iżda fit-trattazzjoni tal-kawża nqala' d-dubju fuq jekk dik is-sentenza hijiex sentenza finali għall-finijiet tal-inċiż (a) tat-tieni sezzjoni tal-Order-in-Council fuq imsemmi. U tabilħaqq, il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti nterpretat dik id-dispożizzjoni tal-liġi, u fehmet b'sentenza finali dik is-sentenza ta' l-aħħar li tagħlaq u tikkonkludi definitivament

il-kawża (ara sent. 13 ta' Diċembru 1926 in re "Pullicino vs. Grixti", Vol. XXVI-I-144; tal-10 ta' Marzu 1952 in re "Borg vs. Vincenti", Vol. XXXVI-I-35; u tas-16 ta' Marzu 1953 in re "Coleiro vs Borg Olivier", XXXVII-I-123; kif ukoll dik tal-4 ta' Diċembru 1957 in re "Spiteri vs. Spiteri"). F'din l-aħħar sentenza ċitata, tal-4 ta' Diċembru 1957 in re "Spiteri vs. Spiteri", din il-Qorti, wara li fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza kważi sekolari hemm ċitata qalet li, f'materja ta' appelli lill-Privy Council, fl-assenza ta' definizzjoni u dispożizzjonijiet fl-Order-in-Council u r-Regolamenti, il-Qorti timxi fuq id-dispożizzjonijiet tal-Proċedura lokali, irriteniet li mill-eżami tal-artikoli 227, 228, u 229 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jidher li bil-kelma "finali" wieħed għandu jifhem dak li fl-art. 227 fuq imsemmi huwa s-sentenza definitiva, u li fl-art. 229 huwa msemmi bħala s-sentenza tal-aħħar; diversament, kull sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell tkun finali; u kompliet tagħti r-raġunijiet ta' dik l-interpretazzjoni. Mill-banda l-oħra, jidher li hemm l-awtorità ta' xi sentenzi ingliżi li rritenew li b'sentenza finali wieħed għandu jifhem dik is-sentenza li ma tistax tiġi alterata mill-Qorti li tkun tatha (v. Monvion vs. Freeman (1889) 15 App. Cases, 1-13, for London Watson; u Beatty vs. Beatty (1924) L.K.B. 807-815);

Madankollu, f'din il-kawża l-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol f'dik il-kwistjoni u tirriżolvi dak id-dubju, għall-finijiet tat-talba tal-konvenuti fuq imsemmija, billi fil-każ in eżami hemm konsiderazzjonijiet oħrajn li jirriżolvu l-kwistjoni jekk għandux jingħata jew le l-permess mitlub għall-appell;

U tabilħaqq, skond l-inċiż (2) tas-sezzjoni (2) tal-Order-in-Council fuq imsemmi, jista' jsir appell fid-diskrezzjoni tal-Qorti minn sentenza oħra tal-Qorti, sew finali kemm interlokutorja, kemm il-darba, fil-fehma tal-Qorti, il-kwistjoni li hemm appell fuqha hija waħda illi, minħabba l-importanza kbira tagħha, ġenerali jew publika, jew xort' oħra, jixraq li tiġi mressqa għad-deċiżjoni tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill;

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu deċiż bis-sentenza in kwistjoni jirrigwarda l-proprjetà tal-"mains" kollha tal-gas li hemm fit-toroq ta' Malta, li minnhom tiddependi d-distribuzzjoni tal-gas f'dil-Gżira: Dik il-kwistjoni, bil-konsegwenzi tagħha kollha, taffettа l-interess publiku ġenerali, għax taffetta nofs il-pajjiż u biċċa kbira ferm mill-popolazzjoni ta' Malta li tuża l-gas u tiddependi ġjornalment minnu għall-użi ordinarji u domestiċi. Għaldaqstant, dik il-kwistjoni, fil-fehma tal-Qorti, hija ta' importanza publika u ġenerali biżżejjed biex timmerita li tiġi mressqa quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina; u għaldaqstant il-Qorti tħossha ġustifikata tuża d-diskrezzjoni tagħha u tagħti l-permess mitlub kif sejjer jingħad;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba miġjuba fil-petizzjoni tal-konvenuti fuq imsemmija, biex jappellaw mis-sentenza ta' dil-Qorti tat-18 ta' Novembru 1957, fuq imsemmija, lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat Tagħha; u għalhekk tagħtihom il-permess kondizzjonali biex jappellaw, kif talbu; u tagħtihom tliet xhur żmien mil-lum biex jipprovdu għall-preparazzjoni, traduzzjoni u trasmissjoni tal-proċess tal-kawża preżenti lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, skond is-sezzjoni fuq imsemmija tal-Order-in-Council fuq imsemmi; u tirriżerva l-ispejjeż għall-provvediment relativ għall-permess finali.